# AVVIŻ TA' TWISSIJA PUBBLIKA MAĦRUĠA MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATURI) FI ĦDAN L-AWTORITA' TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

3 ta' Awwissu 2026

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qiegħda tidentifika u tgħarraf lill-Pubbliku li n-negozjant segwenti:

## Domnic Sciberras

kien is-suġġett ta' deċiżjoni tat-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumaturi, liema deċiżjoni baqgħet ma ġietx onorata, minkejja li saru diversi tentattivi sabiex tiġi żgurata l-konformità magħha.

It-Tribunal ordna lis-Sur Domnic Sciberras jirrifondi lill-konsumaturi s-somma ta' erbat elef, mitejn u wieħed u għoxrin ewro (€4,221.00), relatata ma' xogħlijiet li saru fuq il-bejt tal-proprjetà tal-konsumaturi. It-Tribunal ordna wkoll lis-Sur Domnic Sciberras iħallas l-ispejjeż tat-Tribunal li jammontaw għal mija u dsatax-il ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€119.22).

L-ammont totali dovut mis-Sur Domnic Sciberras għalhekk jammonta għal erbat elef, tliet mija u erbgħin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€4,340.22).

Dan l-Avviż Pubbliku qed jinħareġ fl-interess tal-ħarsien tal-konsumaturi u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra li tista' tittieħed skont il-liġi. Dan l-avviż ma jikkostitwixxix deċiżjoni dwar kwalunkwe kwistjoni oħra lil hinn minn dak stabbilit fid-deċiżjoni tat-Tribunal imsemmija hawn fuq.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)

Malta Competition
and Consumer Affairs
Authority

**Malta Competition and Consumer Affairs Authority**
National Road, Blata l-Bajda ĦMR 9010
+365 2395 2000

mcca.org.mt